

# Iż-Żona Residenzjali tal-Ħesri



*Joseph Schembri*

Fil-magażin tas-sena l-oħra tajt tagħrif dwar iż-żona Ta' Fonzu. Din is-sena jmiss liż-żona tal-Ħesri li tinsab bejn iċ-ċimiterju, Wied il-Ħesri, il-grawnd tal-futbol u Triq Blat il-Qamar.

Lejn l-aħħar tas-snin tletin inbnew xi djar fi Triq Blat il-Qamar u Triq il-Girgenti (b'din it-triq tal-aħħar imsemmija għat-Tabib Nikola Zammit). Dan nafuh għax f'waħda mid-djar fi Triq Blat il-Qamar fuq ġewwa ta' bejt insibu mnaqqax is-sena 1938. Fil-bidu, xi djar minn Triq Blat il-Qamar kienu jagħmlu parti minn Triq il-Mitħna. Wara l-Gwerra, fil-bidu tas-snin ħamsin bdew jittellgħu xi djar oħra fit-tarf ta' Triq il-Mitħna u fi Triq it-Tabib Nikola Zammit.

Fil-bidu tas-snin disgħin f'din iż-żona tal-Ħesri l-Gvern beda jtella' xi flats. Għadd ta' koppji kienu ħadu biċċiet ta' art b'ċens biex fuqhom itellgħu djarhom. Meta ffurmaw it-toroq il-ġodda, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb jagħtihom l-ismijiet. Fid-29 t'Awwissu 1994 is-Sur John Vella, Segretarju tal-Kunsill Lokali, bagħat lis-Sur A. Dimech, Segretarju tal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq fil-Ministeru tal-Ambjent fil-Furjana, l-ismijiet li kienu ġew approvati mill-Kunsill[1] u li dwarhom se nagħtikom tagħrif.

## Triq Ġużeppi Agius (1852-1937) Benefattur u Edukatur

Is-Surmast Ġużeppi Agius twieled Ħal Luqa fl-1852. Kien miżżewweġ lil Maria Antonia mwielda Pace. Kienu joqogħdu f'dar fi Triq il-Knisja l-Qadima fejn illum hemm il-Mużew tas-subien. Kellhom tifel wieħed, Mikelanġ, li kien ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Awżiljarju Angelo Portelli O.P. fil-21 ta' Diċembru 1912. Dun Mikelanġ, iżda, miet qasir il-għomor fil-5 ta' Jannar 1919 fl-età ta' 30 sena.

Ġużeppi kien jgħallem fl-iskola primarja tas-Siġġiewi u maż-żmien sar is-surmast tagħha. Qabel miet, fit-testment tiegħu ħalla daru b'wirt lis-Soċjetà tal-MUSEUM biex fiha jiġi mgħallem il-katekiżmu. Huwa miet fis-26 ta' Jannar 1937 meta kellu 84 sena u ndifen fil-knisja parrokkjali fil-qabar nru 53.[2] Kien bniedem karitattiv ħafna (min kien jafu sew jgħid li quddiem daru kien sikwit ikollu xi nies) u kien benefattur kbir tal-MUSEUM.

## Triq Nikola Bonello (1923-1971) Edukatur

Nikola twieled is-Siġġiewi fl-10 ta' Marzu 1923, bin Franġisku Bonello u Ġovanna mwielda Tanti, l-iżgħar fost tmien aħwa. Studja fl-iskola primarja tas-Siġġiewi u fis-Central School tal-Belt.

Wara sena jaħdem fid-Dipartiment tal-Agrikultura, iż-żagħżugħ Nikola beda l-karriera tiegħu bħala għalliem tal-primarja fl-1946. Kien iż-żmien ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta beda jinħass il-bżonn ta' edukazzjoni għal kulħadd. Għalhekk il-Gvern kien beda jaħseb biex jifrex l-edukazzjoni mhux biss fl-ibliet u l-irħula imma anki f'żoni rurali. Għaldaqstant, minħabba li fl-irziezet tal-Fawwara kien jgħix għadd żgħir ta' familji, il-Gvern beda juża l-knisja tal-Lunzjata biex isservi ta' skola għal dawn in-nies.

L-ewwel għalliem f'din l-iskola kien proprju Nikola Bonello. Minħabba l-etajiet differenti ta' min kellu jibda jattendi l-iskola u n-nuqqas ta' spazju, it-tfal (u anki l-kbar) kienu jattendu l-iskola ġurnata iva u oħra le, skont l-età. Filgħaxija l-għalliem kien jagħti wkoll żewġ lezzjonijiet oħra għall-adulti f'dik magħrufa bħal 'l-iskola ta' billejl'; infatti t-tieni klassi kienet tispiċċa fit-8.30! Għal dawn il-lezzjonijiet kienu jmorru wkoll żgħażagħ saħansitra minn Tal-Għabit, mill-Girgenti u mill-Għira (qrib Għar Lapsi). Dan juri l-għatx għat-tagħlim li kellhom dawn iż-żgħażagħ, nistħajjel bħalma llum hemm il-kilba għat-tagħlim bil-kompjuter.

Nikola Bonello kien kuljum jitla' bir-rota sal-Fawwara u qatt ma falla lezzjoni minħabba mard jew temp ħażin. Is-Sur Bonell, kif kien magħruf minn kulħadd, baqa' jgħallem il-Fawwara sa Ġunju tal-1949. F'Settembru beda jgħallem fl-iskola primarja tas-Siġġiewi. Kien edukatur eżemplari, serju, ta' dixxiplina, tad-dover u dejjem fittex il-ġid tal-istudenti tiegħu. Għalihom kien qisu missierhom. Il-karriera tiegħu ntemmet ħesrem meta miet ta' 47 sena fil-11 ta' Jannar 1971, mibki u rrispettat mhux biss minn qrabatu imma wkoll mill-istudenti li tant kien iħobb u jħobbuh.[3]

## Triq Ġużè Bartolo (1769-1799)
## Patrijott fi żmien il-Franċiżi (Seklu Tmintax)

Lejn l-aħħar tal-ħakma Franċiża f'Malta, il-Hadd 2 u t-Tnejn 3 ta' Settembru 1798, ġewwa s-swar tal-Imdina kien hemm tensjoni kbira. Dakinhar is-suldati Franċiżi kienu invadew l-Imdina. Meta semgħu dan, il-Maltin qamu kontrihom u telqu armati lejn l-Imdina. Is-suldati Franċiżi, quddiem dik il-kotra kbira ta' Maltin irrabbjati, offrew li jċedu. Imma moħbijin fis-swar kien hemm xi suldati li fetħu n-nar u qatlu ħames Maltin u ferew tnejn li kienu Siġġiwin: Ġużè Bartolo ta' 30 sena li miet fl-isptar ta' Saura fit-22 ta' Frar 1799 u ndifen fil-knisja ta' San Pawl fir-Rabat, u Mikiel Farrugia ta' 25 sena li miet fl-istess sptar fid-19 ta' Settembru 1798.[4]

## Triq Salvatore Mallia (1872-1937)
## Mużiċist

Salvu Mallia twieled is-Siġġiewi fil-21 ta' Settembru 1872 minn Nikola u Rożanna mwielda Scicluna. Meta kiber huwa żżewweġ lil Marianna mwielda Aquilina u kellhom erbat itfal. Salvu kien jaħdem mar-Royal Malta Artillery meta kien qed jitgħallem il-mużika. Maż-żmien laħaq surġent u kompla jitħarreġ sew fil-mużika tant li ntgħażel biex imexxi l-banda tar-riġment bħala surmast direttur.

Salvu kien il-ħames Direttur tal-Banda San Nikola (li qabel kienet tissejjaħ Nicolina). Wara li spiċċa minn din il-kariga, il-banda għaddiet f'idejn ibnu Karmenu. Kien ukoll Surmast tal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, il-Queen Victoria taż-Żurrieq, l-Unione ta' Hal Luqa, is-St Philip ta' Haż-Żebbuġ, kif ukoll il-Vilhena tal-Furjana. Salvu miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira 26 ta' Marzu 1937. Il-membri tal-Banda San Nikola organizzawlu l-funeral li għalih attendew ukoll rappreżentanti minn diversi soċjetajiet mużikali fejn kien ta s-servizz tiegħu. Is-surmast Salvu Mallia kien bniedem ta' servizz, ta' dixxiplina, onest u maħbub minn kulħadd.[5]

## Triq Monsinjur Franġisku Saverju Mangion (1887-1974)

Dun Saver, jew il-Monsinjur Mangion, kif kienu jafuh ħafna Siġġiwin, twieled is-Siġġiewi minn Ġovanni u Ġovanna mwielda Bonanno fit-28 ta' Diċembru 1887. Studja s-Seminarju sakemm ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1912 mill-Isqof Awżiljarju Mons. Angelo Portelli O.P. Bejn l-1912 u l-1916 Dun Saver ħadem fil-parroċċa tagħna bħala prokuratur tal-knisja u viċi kappillan. Bejn l-1917 u l-1932 kien imsiefer u serva bħala kappillan tas-suldati fl-Ewwel Gwerra Dinjija u wara fid-djoċesi ta' Brooklyn fl-Istati Uniti.[6]

Meta Dun Saver ġie lura Malta, l-Isqof Mauro Caruana nnominah kappillan tas-Siġġiewi u fis-17 ta' Settembru 1933 ħa l-pussess tal-parroċċa minn Mons. Pawlu Galea, Vigarju Ġenerali. Huwa mexxa l-parroċċa sal-1951 u bħala rikonoxximent l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħatru monsinjur kanonku kapitulari.

Fl-1953 Dun Saver waqqaf l-Għaqda tal-Abbatini li kienu l-mimmi t'għajnejh. Meta kien għadu kappillan tal-parroċċa, nhar ta' Hadd waranofsinhar, wara l-katekiżmu, kien jagħżel tliet abbatini biex jeħodhom miegħu bil-karozza ħalli jżur xi ħbieb li kellu: il-kappillan tal-Imġarr Dun Edgar Salamone u l-kappillan tal-Mellieħa Dun Franġisk Xuereb. Il-Monsinjur Mangion għal snin twal kien id-Direttur Spiritwali tal-membri tal-Każin tal-Banda San Nikola.

Dun Saver baqa' jagħti s-servizz tiegħu lill-parroċċa sakemm miet fid-19 ta' Jannar 1974. Kulħadd baqa' jiftakru u jirrispettah, speċjalment għall-karità kbira li għamel ma' ħafna familji fil-bżonn. Kien puntwali, ta' dixxiplina kbira u ta servizz imprezzabbli lill-komunità Siġġiwija.

## Triq Gaspare Pace (1878-1964)
## Poeta

Gaspare twieled is-Siġġiewi fit-28 ta' Diċembru 1878. L-ewwel tagħlim ħadu mill-iskola primarja tal-Gvern fis-Siġġiewi. Kien jaħdem mal-Gvern bħala mgħallem fuq il-ħaddiema tat-toroq.[7] Kien joqgħod fi Triq Ramija, u fis-sajf kont tarah ħdejn il-bieb ta' daru bilqiegħda fuq siġġu u ieħor quddiemu, bi ktieb f'idejh. Huwa kien iħobb jikteb xi sunetti għall-festa ta' San Nikola kif ukoll poeżiji b'temi reliġjużi u profani. Xi wħud minn dawn il-poeżiji kienu ġew ippubblikati fil-Pronostku Malti ta' Giovanni Muscat. Gaspare miet fis-17 ta' Jannar 1964.

## Triq Dun Anton Vella (1907-1987)
## Kittieb u Edukatur

Dun Anton twieled is-Siġġiewi fit-23 ta' Settembru 1907 minn Filippu u Roża mwielda Spiteri. Tgħammed jumejn wara mill-kappillan Dun Franġisk Farrugia u ngħata l-ismijiet ta' Antonio, Salvatore, Andrea u Nicola. Kien iż-żgħir fost familja ta' tmienja.

Ta' sitt snin daħal fl-iskola tal-Gvern tas-Siġġiewi li kienet ħdejn id-dar tiegħu. Kompla jistudja fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi f'Birkirkara, fis-St Paul's School tal-Belt, u wara, bħala żagħżugħ, mar Ruma fl-Università Gregorjana fejn temm l-istudji tiegħu. Fil-



11 ta' Ottubru 1931 qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa tagħna fejn ħadem bla waqfien. Għal xi żmien kien jgħallem il-katekiżmu fil-MUSEUM tas-subien. Kien jiġbor xi tfal biex jgħallimhom ikantaw ħalli jieħdu sehem fl-Ora Santa. Meta għadda ż-żmien, b'dan l-istess grupp ta' tfal huwa waqqaf l-Azzjoni Kattolika fis-Siġġiewi fis-sena 1933.[8]

Għal ħafna snin Dun Anton kien direttur spiritwali fl-iskejjel primarji tal-Gvern. Huwa ppubblika xi kotba: fl-1946 il-'Vade Mecum tal-Katekisti' u 'Il-Kredu'; fl-1954 ippubblika l-'Katekiżmu għat-Tfal' li kien imqassam fi 30 lezzjoni u bi stampi tal-kulur.

Dun Anton miet fit-28 ta' Lulju 1987 fl-età ta' 80 sena u ndifen fiċ-ċimiterju tal-parroċċa. Kien saċerdot imfittex ħafna għall-pariri. Il-persuna tiegħu kienet tiġbdek għax kellu tjubija u ħlewwa liema bħalha. Kien bniedem miġbur u studjuż u ħalla marka fl-istorja tat-tagħlim Nisrani fil-ġżejjer tagħna.

## Triq il-Girgenti

Il-Girgenti huwa wieħed mill-isbaħ ġonna madwar is-Siġġiewi. Dan il-post huwa mfittex ħafna għall-passiġġati fil-kampanja. Jinsab bejn il-Wied tal-Fulija u l-Għajn il-Kbira u għandu forma ta' wied. Għal xi żmien fil-Girgenti kien jgħix ċertu Falaride li kien minn Agrigento u huwa għalhekk li l-post ħa ismu minn din il-belt Sqallija.[9] Fuq il-Girgenti hemm irdum żgħir bis-siġar tal-luq, taċ-ċitru, tan-naspli u r-rummien, kif ukoll kull xorta ta' arbuxell. Insibu wkoll post fejn diversi nies jieqfu jagħtu qima lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni fejn Ġuża Mifsud, xebba twajba Siġġiwija, kienet qalet li dehritilha l-Madonna.

## Triq is-Salib

Dan is-salib, li jinsab int u sejjer lejn iċ-ċimiterju, huwa magħruf bħala s-Salib ta' Blat il-Qamar. Kien wieħed mill-isbaħ slaleb li kellna fis-Siġġiewi. Fl-1961 is-salib li kien hemm intlaqat minn trakk. Nikol Mallia, li kellu r-razzett maġenb dan is-salib, ġabar il-ġebel u reġa' tellgħu.[10] Għadda ż-żmien u s-salib reġgħet messitu l-istess xorti u l-ġebel tfarrak għalkollox.

Fl-1995 il-Kunsillier Emanuel Micallef flimkien mal-membri tal-Kumitat Kultura u Ambjent li hu kien imexxi fi ħdan il-Kunsill Lokali, ħadmu kemm felħu sabiex isir salib ġdid. Il-pjanta tas-salib il-ġdid, b'disinn differenti u modern, kienet tal-Perit Dion Buhagiar. Fl-antik kienu jgħidu li kull Ħadd il-Palm kienet titlaq purċissjoni minn ħdejn dan is-salib u tmur lejn il-knisja parrokkjali.

## Triq Ġmiel il-Widien

Il-widien kollha għandhom il-karatteristika sabiħa tagħhom. L-ilmijiet tax-xita li jiġu min-naħa tal-Fulija, tal-Girgenti, tal-Luq, ta' Għajn il-Kbira, tal-Buskett, ta' Tabrija, u mit-triq li tinżel mir-Rabat, kollha jinġabru f'Wied il-Ħesri. Bħala riżultat insibu l-ġmiel tal-widien li jagħtu għal din iż-żona tar-raħal, bil-ħdura kollha tagħhom u bl-arja tajba li jagħtu lill-ambjent, b'mod speċjali dak ta' dawn l-inħawi.

## Triq Wied il-Ħesri

Skont il-Professur Ġużè Aquilina l-kelma *ħesri* ġejja minn *ħiser*.[11] Il-Professur Pietru Pawl Saydon jikteb li l-kelma *ħiser, ħisrejn* huma l-ġenbejn tal-bieb, jew il-koxox tal-bieb. Dan il-wied jibda minn taħt L-Irziezet u jibqa' sejjer sa taħt iċ-ċimiterju tar-raħal tagħna, taħt Ta' Bordin u jgħaddi minn taħt Ħaż-Żebbuġ sa ma jasal f'Wied Qirda u jibqa' sejjer għal Wied il-Kbir.

## Triq Tabrija

Il-Professur Ġużè Aquilina jikteb li l-kelma *Tabrija* taqbel ħafna mal-kliem 'Kurbet Tibrija' li tfisser 'il-ħerba ta' Tibrija / Wadi tabaria – il-wied ta' Tiberija'.[12]

Tabrija huwa isem ta' fewdu b'territorju kbir miegħu li jieħu minn Wied il-Ħesri sa taħt Tal-Għolja, parti mill-Għajn il-Kbira, il-Lawrenti b'San Blas miegħu sax-Xagħra tal-Isqof. Fewdu hija art mogħtija lil xi ħadd bl-obbligu li jaħdimha, imma l-art tibqa' tas-sid oriġinali.

Dan huwa wieħed mill-ġonna l-aktar antiki ta' Malta. Fl-1315 kien ġie mogħti bħala fewdu mir-Re Federiku lil Artoldo de Barba sa ma ġie f'idejn il-Gran Mastru Lascaris bl-artijiet kollha ta' madwaru.

Fil-limiti ta' Tabrija nsibu li kien hemm tliet knejjes:

i) Il-Knisja ta' San Xmun li kienet tinsab lejn in-naħa ta' taħt Tal-Għolja u t-telgħa tat-triq Taż-Żaqq. Nikola Xara bena din il-knisja. F'dokumenti tal-1499 u l-1539 insibu riferenza għal dan il-lok – 'Sancti Simonis ta tabaria contrata'. Brandino Caxaro kien wettaq il-bżonnijiet kollha meħtieġa minn din il-knisja. Dan insibuh miktub fl-Atti tan-Nutar Matteo Surdo fil-25 ta' Marzu 1532/8. Sakemm din il-knisja ġiet profanata, bejn is-snin 1500 u l-1582 kellha lil Nicolaus Callus, Johannes Axiaq, Lucas Xara, Lutius Xerri u Jacobus Scicluna bħala retturi.

*(ikompli f'paġna 32)*

ii) Il-Knisja ta' San Mikiel kienet mibnija fit-bidu tat-triq Taż-Żaqq fuq il-lemin fuq daqsxejn ta' għolja żgħira. Il-fundatur tagħha kien Dun Ġakbu Calleja li kien kappillan tas-Siġġiewi. Antonio Falzon kellu l-obbligu li jagħmel il-festa ta' San Mikiel kull sena fid-29 ta' Settembru, bl-għasar u b'quddiesa, kif ukoll jagħmel ikla lil dawk kollha li jieħdu sehem fil-festa. Bejn l-1588 u l-1611 din il-knisja kellha lil dawn ir-retturi biex jieħdu ħsiebha: Marianus Calleja, Josephus Bezzina, Andreas Calleja u Andreas Galea. Minħabba li maż-żmien din il-knisja ġiet abbandunata, fl-1658 l-Isqof Balaguer ipprofanaha.[14]

iii) Il-Knisja ta' San Blas, Isqof, tinsab mat-triq li mis-Siġġiewi tieħu għar-Rabat. L-ewwel knisja nbniet madwar is-sena 1430. Ir-rettur ta' din il-knisja kellu l-obbligu li jagħmel il-festa ta' dan il-qaddis billi lejlitha jsir l-għasar u f'jum il-festa ssir quddiesa kantata minn monsinjur tal-Katidral peress li l-knisja tagħmel parti mill-kanonikat li jieħu l-isem minnha. Mill-bidu tat-twaqqif tagħha, din il-knisja kellha dawn ir-retturi: Nicolaus Falzon, Hieronymus Beccadelli, Johannes Rapa, Antonius di Domenico, Nicolaus Xara, Antonius Cubelles, Petrus Cubelles, Albertus Bonnici, Salvatore Xerri u Jacopus Pontremoli.[15]

*Referenzi*


1. *File Kunsill Lokali Siġġiewi Ref. L.C. S. 50/94 - Ismijiet tat-Toroq fis-Siġġiewi datata 29-9-1994. Hajr lis-Sur John Vella*
2. *Fuljett Ifirħu Magħna 1928-1978, paġ. 7-8*
3. *Dan it-tagħrif kollu ntbagħat minn Dun Nikol Aquilina, neputi tal-edukatur Nikola Bonello.*
4. *Testa, C., Maż-Żewġ Naħat tas-Swar, It-Tieni Ktieb, Klabb Kotba Maltin 1980, paġ. 229*
5. *Bezzina, F.X., Programm Festa Każin tal-Banda San Nikola 1978*
6. *ibid. 1979*
7. *Vassallo, K., Vatum Consortium, 1968, paġ. 565*
8. *Said M., Iltqajna ma' Dun Anton Vella, f'Is-Siġġiewi, Diċembru 1980, paġ. 11-12*
9. *Preca, A., Malta Cananea*
10. *Muscat Azzopardi, Ġ., Il-Mument 15-2-1981*
11. *Aquilina, J., Maltese-English Dictionary Vol.1, paġ. 540*
12. *Serracino Inglott, E., Il-Miklem Malti, It-Tmien Ktieb, paġ. 322*
13. *Borg, V. Rev. Mons., Melita Sacra II, paġ. 556*
14. *Borg, V. Rev. Mons., Melita Sacra II, paġ. 673*
15. *Borg, V. Rev. Mons., Melita Sacra I, paġ. 215*


# Innu lil San Nikola

Versi ta' Patri Ġużè Delia S.J.
Mużika ta' Patri Albert Borg O.S.A

Missier tagħna, għażiż Nikola,
fl-art, fis-sema, Qaddis kbir,
ġieħ u qima ntuk irridu
għax jistħoqqlok kull tifħir.

**Inti l-Anġlu ta' ħajjitna,**
**inti d-dawl u l-qawwa tagħna,**
**fit-tiġrib li jdallam fuqna**
**inti dejjem waqaft magħna.**

Li inti kbir jixhduh ġrajjietek
u ta' ħajtek l-għeġ'bijiet,
tixhdu l-manna li minn ġismek
dejjem tnixxi w qatt ma hdiet.

**Inti l-Anġlu...**

Fik il-Knisja, il-fqar, l-iltiema,
sabu t-tarka u l-mistrieħ,
int tqabadt għall-fidwa tagħhom
u mill-għadu ħriġt rebbieħ.

**Inti l-Anġlu...**

Għalhekk int sraqtilna qalbna
għax int twajjeb u ħanin,
bejnna u bejnek hemm bħal rabta
li ma jħollu qatt is-snin.

**Inti l-Anġlu ta' ħajjitna,**
**inti d-dawl u l-qawwa tagħna,**
**fit-tiġrib li jdallam fuqna**
**inti dejjem waqaft magħna.**

Ixħet fuqna l-ħarsa tiegħek
ja Nikola, nitolbuk,
ibqa' magħna biex ma' ġenbna
fl-hemm u n-niket insibuk.

**Inti l-Anġlu...**

Bierek lilna u lil dar-raħal.
Żommna miegħek marbutin,
biex xejn qatt qlubna minn qalbek
ma jifridhom minn xulxin.

**Inti l-Anġlu...**

